Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,324, 8 ta' Ottubru, 2024
Taqsima B

A.L. 263 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tal-Arti;

"il-Grad/i" tfisser il-grad/i ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2024 'il quddiem.

It-Tipi ta' Gradi Offruti

3. Il-Fakultà toffri l-Gradi li ġejjin:

(a) il-grad ta' Doctor of Philosophy; u
(b) il-grad ta' Doctor of Philosophy bil-Prattika bħala Riċerka.

4. Il-Bord għandu japprova l-oqsma ta' riċerka fejn l-Gradi jistgħu jkunu offruti. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-komponent tal-prattika f'kull qasam ta' riċerka għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka għandhom ikunu indikati f'linji gwida approvati mill-Bord.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

5. (1) L-applikanti għall-Gradi offruti mill-Fakultà għandu jkollhom wieħed mill-gradi li ġejjin:

(a) il-grad ta' Master bi klassifika ta' Għadda b'Mertu (jew l-ekwivalenti) fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat. Fil-każ ta' applikanti li jkollhom grad ta' Master minn din l-università jew minn università oħra, fejn mhux possibbli li tkun determinata l-ekwivalenza għal Għadda b'Mertu, il-Bord jista' jiddetermina proċeduri *ad hoc* biex jistabbilixxi din l-ekwivalenza. Il-parir tad-dipartiment responsabbli għall-qasam ta' studju għandu jinkiseb fil-każijiet kollha; jew

(b) il-grad ta' Baċellerat miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri, fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat.

(2) Il-Bord jista' jikkunsidra wkoll applikazzjonijiet minn applikanti li jkollhom grad ta' Master bi klassifika ta' Għadda fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat jew kwalifiki fil-livell ta' Master jew ogħla fi kwalunkwe dixxiplina jekk huma jkollhom ukoll esperjenza jew għarfien li, fl-opinjoni tal-Bord, jagħmluha possibbli li jsegwu studji għad-dottorat b'suċċess.

6. L-applikanti jistgħu wkoll jintalbu juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta. Il-parir tad-dipartiment responsabbli għall-qasam ta' studju għandu jintalab fil-każijiet kollha.

It-Taqsimiet-Studju Mgħallma

7. Meta l-Bord iqis li hu meħtieġ, jista' jitlob li l-istudenti jtemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet-studju waqt il-kors tal-istudji tagħhom, u/jew li jtemmu b'mod sodisfaċenti xogħlijiet irrakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżijiet

8. (1) Il-Bord għandu japprova u jippubblika linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżijiet għall-Gradi.

(2) Għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka, l-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu preżentazzjoni ta' prattika li tista'tkun eżaminata formalment (prattika kreattiva, fejn applikabbli) imwieżna minn teżi bil-miktub. It-teżi għandha tikkonsisti minn bejn l-40,000 u l-50,000 kelma esklużi n-noti u r-riferenzi. Is-sottomissjoni sħiħa għandha turi l-esekuzzjoni notevoli tal-komponent tal-prattika, kif ukoll tkun kontribuzzjoni oriġinali u sinifikattiva għal prattika u l-għarfien fil-qasam, u għandha turi l-abilità fil-livell dottorali ta' analiżi u l-ħakma ta' kritika rilevanti, kollox b'mod li jkun aċċessibbli minn studjużi u awditjat minnhom.

(3) Għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka, l-istudenti jkunu meħtieġa wkoll jipprovdu rekord dokumentat permanenti tal-preżentazzjoni u l-iżvilupp tal-komponent tal-prattika f'format xieraq. Dan ir-rekord għandu jkun inkluż mal-kopji ppreżentati lill-Fakultà u lil-Librerija tal-Università. Il-format u l-mezz tar-rekord għandu jkun speċifikat u approvat mid-dipartiment rilevanti tal-anqas sena kalendarja qabel is-sottomissjoni, u għandu jkun suġġett għal skrutinju mill-Kumitat tal-Fakultà għad-Dottorat.

(4) Għall-Grad bil-Prattika bħala Riċerka, il-preżentazzjoni tal-prattika biex tiġi eżaminata formalment għandha normalment ma ssirx aktar minn sena kalendarja qabel is-sottomissjoni finali. Il-komponent tal-prattika jista' ukoll, fejn mixtieq u applikabbli, ikun ippreżentat flimkien mat-teżi fis-sottomissjoni finali.

It-Tħassir

9. L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ippubblikati bħala Avviż Legali 309 tal-2009, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024.